# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 t'April, 2019**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 209/2018**

**Paul Grech detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 402847 M**

**vs.**

**Jesmond Galea detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0223773 M**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-2 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' zewg (2) skritturi privati rispettivament datati z-17 ta' Novembru, 2016, u l-24 ta' Dicembru, 2016, sellef lill-intimat b'tal-ewwel l-ammont ta' sitt elef u hames mitt euro, (€6,500.00), u b'tal-ahhar is-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000.00), (ara foll 9 u foll 8 rispettivament);

1.2. Illi l-intimat naqas li jonora t-termini imposti fl-istess skritturi;

1.3. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex jonora l-imsemmija termini, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex din:

1.4.1. Tiddikjara li hu sofra danni *stante* li l-iskritturi fuq indikati ma gewx onorati;

1.4.2. Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas l-ammont komplessiv ta' sittax -il elf u hames mitt euro, (€16,500.00), kif indikat fl-istess skritturi;

1.4.3. Tikkundanna wkoll lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-imghax dovut fuq l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti, u dan, mid-data ta' meta gew dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

1.4.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitlub fir-rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 11);

3.0. Rat il-verbal datat it-12 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu gie rilevat is-segwenti, (ara foll 42):

3.1. Illi l-intimat gie debitament notifikat, (ara foll 29);

3.2. Illi l-istess intimat jinsab fi stat ta' kontumacja;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata pprezentata *in atti*;

5. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu, filwaqt li ddifferiet il-procedura odjerna ghas-sentenza ghad-data hemm indikata, awtorizzat lill-intimat kontumaci biex, jekk irid, jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub sad-data hemm indikata, (ara foll 43);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

6.1. Illi permezz ta' zewg (2) skritturi privati rispettivament datati z-17 ta' Novembru, 2016, (ara foll 4), u l-24 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 3), ir-rikorrenti sellef l-ammont komplessiv ta' €16,500.00 lill-intimat;

6.2. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-intimat naqas milli jottempora ruhhu mal-kundizzjonijiet indikati fl-istess skritturi, (ara foll 1 u 45);

6.3. Illi konsegwentement ir-rikorrenti ma kellux alternattiva ohra hlief li jadixxi din il-qorti biex ikun jista' jigi rifuz is-somma komplessiva in dizamina;

6.4. Illi l-intimat baqa' fi stat ta' kontumacja, u ghalkemm inghata l-opportunita` li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub *ai termini* tal-artiklu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan baqa' inadempjenti;

Ikkunsidrat:

7. Illi fir-rigward tal-ewwel (1) talba tar-rikorrenti rigwardanti talba ghad-dikjarazzjoni li sofra danni *stante* li l-iskritturi fuq riferiti ma gewx onorati ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Vincent Schiavone *et* vs. Michael Psaila *et***, datata d-**29 ta' Marzu, 2014**, li stabbiliet is-segwenti:

"Ghas-success ta' azzjoni bhal dik *de quo*, hemm il-htiega li r-rikorrenti konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest u l-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:

"i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-intimati li tirradika l-htija *ai termini* tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;

"ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u

"iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed *tramite* ness ezjologiku ta' kawzalita`, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-intimati li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati)";

8. Illi fir-rigward tas-suespost jigi osservat li r-rikorrenti ma irnexxielu jipprova assolutament xejn minn dak minnu allegat, u konsegwentement l-ewwel (1) talba tieghu ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fir-rigward tat-talbiet l-ohra sottomessi mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi mid-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mir-rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti, (ara foll 45):

9.1.1. Illi meta l-intimat talbu biex isellfu €6,500.00, ir-rikorrenti accetta u giet ghalhekk redatta l-ewwel skrittura privata, (ara foll 4);

9.1.2. Illi xahar wara l-istess intimat rega' talab somma ohra mir-rikorrenti u din id-darba dan, permezz ta' skrittura privata ohra, sellef lill-intimat €10,000.00 ohra, (ara foll 3);

9.1.3. Illi ghalkemm jirrizulta li l-intimat kien ghadda *cheque* bhala pagament in parti, dan ic-*cheque* ma ssarrafx, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

10. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li r-rikorrenti kien effettivament sellef lill-intimat is-somma komplessiva ta' €16,500.00 *brevi manu*, liema somma kienet kristallizzata b'zewg skritturi privati debitament iffirmati mill-partijiet protogonisti tal-procedura odjerna, (ara foll 3 u 4);

11. Illi jirrizulta debitament assodat ukoll li ghalkemm l-intimat ircieva l-ammont komplessiv fuq indikat, naqas li jissodisfa t-termini tar-ripagament stipulati fl-iskritturi *de quo*;

12. Illi ghalkemm l-intimat inghata ampja opportunita` jikkonfuta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dan ghazel li ma jintervjenix;

13. Illi konsegwentment din il-qorti m'ghandiex alternattiva hlief li toqghod fuq il-fatti kif esposti mir-rikorrenti;

14. Illi ghalhekk tqis li t-tieni (2) talba tar-rikorrenti giet debitament ippruvata skont il-ligi u ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan l-istadju tigbed l-attenzjoni lil minn hu dovut li fir-rikors guramentat tar-rikorrenti dan jghaddi mit-tieni (2) ghar-raba' (4) talba, biex b'hekk jirrizulta pacifiku li l-ordni numeriku logiku ma giex rispettat, (ara foll 1 u 2);

Ikkunsidrat:

16. Illi fid-dawl ta' dak indikat fil-paragrafu precedenti tilqa' t-talba enumerata bin-numru erbgha (4), (*recte* numru 3), u tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq esposti din it-talba ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

17. Illi rigward it-talba enumerata 5 mir-rikorrenti, (*recte* numru 4), l-interessi fuq l-ammont likwidat huma debitament dovuti, u dawn jibdew jiddekorru mill-5 ta' Jannar, 2018, (data tal-ittra ufficjali – ara foll 6);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, bl-eccezzjoni tal-ewwel (1) talba kif fuq indikat, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Tirrespingi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;

18.2. Takkolji t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti;

18.3. Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' €16,500.00 minnu misluf *brevi manu*;

18.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq likwidata ta' €16,500.00;

18.5. Tikkundanna wkoll lill-istess intimat biex ihallas l-imghaxijiet legali dovuti fuq l-imsemmija somma hekk likwidata u dan bir-rata ta' 8% mill-5 ta' Jannar, 2016;

18.6. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**